**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 542/16AL

**AB**
**U**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-tlieta u ghxorin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004). (Dok A, hawn anness)

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-imsemmija konjugi ilhom li nfirdu minn xulxin ghall-iktar minn hames snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilijazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ma jezistu ebda pendenzi bejn il-kontendenti li qed ddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minnghand xulxin.

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16), huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi ilhom separatighal dawn l-ahhar tmin snin, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

A tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16), dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C Kapitolu 16, ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kodici Civili (Kap16).

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2017;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Gunjju 2011 u de facto separati ghal aktar minn hames snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.